# IL-KAPU MASTRU XANDRU PULIS

## mgħallem tal-knisja parrokkjali

minn Dun Joe Abela

Din is-sena fil-parroċċa tagħna taż-Żejtun qegħdin niċċelebraw it-300 sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali preżenti. Jien ittrattajt fit-tul dan is-suġġett fi ktejjeb li ħejjejt għal din l-okkażjoni.Għalhekk meta ġejt mitlub mid-direzzjoni tal-**Każin Beland** biex nikteb dwar dak li ġara dak in-nhar, iddeċidejt li jkun aħjar li nikkonċentra l-kitba tiegħi fuq persuna waħda li tat sehem siewi ħafna fil-bini tal-knisja tagħna. Qed nirreferi għall-kapu-mastru Xandru Pulis li, minkejja l-importanza tiegħu, ħadd qatt ma kiteb dwaru bis-serjetà.

## Xandru Pulis minsi fl-imgħoddi

Veru li għandu triq fiż-Żejtun imsemmija "Triq il-Kapu Mastru", iżda wisq nibża' li ħafna lanqas biss jafu xi trisser l-espressjoni "kapu mastru", aħseb u ara kemm jafu min kien u x'għamel. L-uniku wieħed li semmih b'ismu kien E.B. Vella fil-ktieb tiegħu **L-Istorja taż-Żejtun u M'Xlokk**, iżda dan il-kittieb ħa żball kbir meta rrefera għalih, għaliex qal li Girgor Bonici, il-benefattur kbir tal-knisja, xtaq li jiġi mqabbad bħala mgħallem bennej Xandru Pulis, iżda ħalla f'idejn il-prokuraturi tal-knisja li jekk iridu ma jqabbdux lilu. Filwaqt li Girgor Bonici għamel bil-maqlub: hu obliga lil prokuraturi li jqabbdu bil-fors lil Xandru Pulis fix-xogħol tal-bini. Jidher li E.B. Vella, li kellu f'idejh, bħal ma kelli jien, it-testment ta' Girgor Bonici, ma fehemx kelma ċkejkna fit-testment, u b'konsegwenza qaleb is-sens kollu. Kull min fettillu wara jikteb xi ħaġa żgħira dwar Girgor Bonici, dejjem ikkopja dak li qal E.B. Vella, u hekk l-iżball ta' dan baqa' jiġi ripetut. Ma nridx innaqqas mill-mertu ta' E.B. Vella, li kien pijunier fil-kitba dwar l-istorja tal-parroċċa tagħna, iżda nżid nifehm ngħid x'jiġri meta min jikteb jemmen b'għajnejh magħluqa dak li jkun kiteb ħaddieħor qablu, u ma jibbażax dak li jikteb fuq dokumenti oriġinali.

Għażilt lil Xandru Pulis ukoll bħala suġġett tiegħi għaliex dwar il-protagonisti l-oħra tal-ġrajja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, speċjalment l-arkitett Lorenzo Gafà u l-Isqof David Cocco Palmieri, diġà inkiteb ħafna. Iżda dwar Xandru ftit li xejn qatt inkiteb, u l-ftit li ntqal dwaru, kif rajna, aktarx li kien żbaljat. Forsi xi ħaddieħor warajja, li bħali jkollu mħabba għall-Istorja taż-Żejtun, għad jirnexxilu jsib dokumenti oħrajn dwar Xandru Pulis, u jżid ma dak li nkun għidt jien.

## Xandru twieled f'Bormla

Min qabli semma lil Xandru dejjem qal li kien minn Bisqallin, jiġifieri r-Raħal t'Isfel. Dan għaliex Girgor Bonnici hekk jgħid dwaru fit-testment tiegħu. Ir-raġuni hi li meta Girgor Bonici għamel it-testment tiegħu ftit ġranet biss qabel mewtu fis-16 ta' Mejju, 1697, Xandru kien joqgħod fiż-Żejtun. Iżda Xandru ma twelidx fiż-Żejtun.

Il-kunjom Pulis kien ilu ħafna snin jeżisti fiż-Żejtun, tant illi jidher fil-lista tad-dejma tal-1419, iżda Xandru kien minn Bormla. Ma kenitx ħaġa ħafifa għalija nistabilixxi fejn Xandru twieled. Kien biss wara li sibt li isem ħuh, Dun Salv Pulis, kien imniżżel mal-kleru ta' Bormla, li jien stajt naċċerta ruħi li Xandru twieled f'Bormla. Xandru iżżewweġ lil Margerita u l-benedizzjoni tat-tieġ tahielhom Dun Salv Pulis. Dan il-qassis deher quddiem l-Isqof David Cocco Palmieri meta l-isqof għamel il-vista pastorali f'Bormla fl-1686. Din l-informazzjoni, li sibt fil-Kurja ta' l-Arċisqof, ġagħlitni nqalleb ir-reġistri tal-magħmudijiet u taż-żwieġ f'Bormla, u hemm sibt kulma kont qiegħed infittex dwar it-twelid ta' Xandru Pulis.

## Jieħu s-sengħa ta' missieru

Xandru kien it-tmien tarbija minn familja kbira ta' tnax l-ulied. Hu twieled nhar l-10 ta' Jannar, 1649 minn

Mastru Mikiel Pulis u martu Katarina. Mela wkoll missieru kien mgħallem, wisq probabbli tal-bini bħal Xandru, għaliex ġeneralment l-iben kien jieħu s-sengħa ta' missieru. Dak iż-żmien kien hawn ħafna xogħol tal-ġebel, għaliex l-Ordni tal-kavallieri kienet għaddejja bi pjan vast ta' bini ta' swar u fortifikazzjonijiet. Fil-fatt, biex ikunu viċin tal-post fejn jaħdmu, ħafna rġiel Maltin kienu marru joqogħdu bil-familji tagħhom fil-Kottonera. Kurżità ta' min isemmiha hi li kemm omm Xandru, u kemm nanntu minn naħa ta' missieru, kien jisimhom Katarina. U l-ewwel tarbija li kellu, Xandru semmiha wkoll Katarina!

## Xandru jiżżewweġ fiż-Żejtun

Xandru iżżewweġ lil Margerita Zammit, Żejtunija, fis-6 ta' Ġunju 1688, meta allura hu kellu 22 sena, u l-għarusa tiegħu Margerita kellha 21 sena. Iż-Żwieġ sar fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu li, m'għandniex ninsew, kienet mibnija qabel il-knisja parrokkjali tal-lum. Jidher li wara ż-żwieġ tagħhom il-koppja Pulis qagħdu xi ftit fiż-Żejtun, iżda ma tantx damu. Dan jidher mir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' wliedhom.

Kont xortija tajba li darba fettilli nmur inqalleb ir-reġistri tal-magħmudija ta' Ħal Tarxien, meta kont għadni ma sibtx fejn Xandru twieled. Il-kelma "suburbia", li b'ċerta diffikultà taqraha fir-reġistrazzjoni taż-żwieġ ta' Xandru u Margerita, daħħlitli suspett jekk kenitx xi referenza għar-Raħal Ġdid, li qabel kien parti minn Ħal Tarxien. F'Ħal Tarxien ma sibtx li Xandru twieled hemm, iżda fortunatament sibt li kien mar bil-familja joqgħod hemm fejn twildulu erbat itfal: Anna Maria, Ġużepi, Ġakbu u Gio. Michele. Aċċertajt ruħi li Xandru u Margerita Pulis ta' Ħal Tarxien kienu l-istess kopja taż-Żejtun minn diversi dettalji li jidhru fil-magħmudijiet ta' wliedhom. Hekk binhom Ġużeppi ġie mgħammed minn dun Ugolin Bonnici, kappillan taż-Żejtun, u l-parrina fil-magħmudija ta' Ġakbu kienet Angela Zammit miż-Żejtun. Ġużeppi u Ġakbu ħadmu aktar 'l quddiem flimkien ma missierhom Xandru fil-bini tal-knisja parrokkjali tagħna.

## Il-misterjuża Angela Zammit

Min kienet Angela Zammit? Il-kunjom Zammit tani x'nifhem li kienet tiġi minn Margerita, mart Xandru. Għidna li kunjom Margerita kien Zammit qabel iż-żwieġ. Għidt waħdi, "Mela din Angela kienet jew oħt Margerita, jew il-mara ta' xi ħadd minn ħutha subien". U hekk kien! Angela kienet mart Ġanni Zammit, ħu Margerita. Iżda l-biċċa ma tieqafx hawn, għaliex imbagħad dħalt fi storja daqsxejn kurjuża, storja li tgħaqqadna ma' l-istess Girgor Bonici u tispjegalna għaliex dan il-benefattur tal-knisja tant insista li bħala mgħallem tal-bini tal-knisja kellu jissejjaħ Xandru Pulis.

Imkien qatt ma sibt li Girgor Bonici kellu xi tfal, għalkemm kien miżżewweġ. E.B. Vella hu ta' l-istess opinjoni. It-testment ta' Girgor ma jsemmix ulied. Fir-riċerki tiegħi dwar il-familja Zammit, sibt li ċerta Angela de Bonici "bint" in-nobbli Girgor Bonici, iżżewġet lil Ġanni Zammit! Il-kappillan uża l-kelma "bint" fir-reġistrazzjoni taż-żwieġ tagħhom li sar f'Sant Anġ. Iżda Angela kienet biss ilsira lliberata ta' Girgor Bonici, u mhux bintu naturali, kif jidher mill-kelma "manumissa" fir-reġistrazzjoni taż-żwieġ. Naraw li lil din l-ilsira Girgor taha l-isem ta' Angela meta għammidha minħabba d-devozzjoni li kellu lejn Sant' Anġ.

## Xandru bennej tal-knisja

Inkomplu issa b'Xandru Pulis u l-familja tiegħu. Bejn l-1695 u l-1697, Xandru ġab il-familja mill-ġdid fiż-Żejtun. Ġew joqgħodu fil-Ġwiedi, kif jidher ċar mill-magħmudijiet, probabbilment biex Xandru jkun viċin il-knisja parrokkjali fejn kien jaħdem. Sfortunatament ir-reġistri tal-bini tal-knisja bejn l-1692 u l-1708 ma rnexxilix insibhom. Għalhekk ma nistax ngħid eżattament meta Xandru beda jaħdem fil-knisja. M'inix ngħid li qabel is-sena 1708 hu ma ħadimx. Qed ngħid li sal-1708 m'għandniex konferma tax-xewqa ta' Girgor Bonici kif espressa fl-1697. Iżda mill-1708 'l quddiem, ir-reġistri ta' l-ispejjeż tal-bini mhux biss jeżistu, iżda wkoll huma ċari kemm jista' jkun. Xandru Pulis mill-ewwel jissejjaħ mgħallem, u wara ftit jissejjaħ "kapu mastru", jiġifieri kien responsabbli mix-xogħol kollu. Fost l-impjegati kien l-aktar imħallas u dejjem jitniżżel l-ewwel fost dawk li jitħallsu. Nafu illi fl-1707 il-kursija kienet lesta u bdiet tintuża bħala knisja. Wara nbeda x-xogħol fil-kor u l-kappelluni. Fl-1715 Xandru kien għadu jaħdem fil-bini tal-knisja, iżda wara din is-sena ismu jisparixxi għal kolox mir-reġistri. Probabbilment illi marad, għaliex hu miet fl-

24 ta' Ġunju, 1716 fl-età ta' 54 sena. Iż-żewġ uliedu Ġużeppi u Ġakbu baqgħu jaħdmu fil-knisja wara l-mewt ta' missierhom. Ġakbu miet b'diżgrazzja meta waqgħet ġebla fuq rasu fl-10 ta' Novembru, 1744.

## Maħbub minn Girgor Bonici

Hekk ix-xewqa ta' Girgor Bonici li Xandru Pulis ikun il-bennej tal-knisja ġiet maqtugħa. Girgor kellu mħabba kbira lejn Xandru u l-familji tiegħu u ta' martu Margerita. Dan jidher mit-testment tiegħu, fejn mhux biss jobliga lill-prokuraturi li jqabbdu lilu għax-xogħol tal-bini tal-knisja, iżda wkoll iħalli lill-familja ta' Ġanni Zammit, ħu Margerita, l-użu tad-dar fejn kien joqgħod ma martu Angela, u tal-ħanut konness mad-dar. Iħalli wkoll somma ta' flus biex binhom Danjeli jkun jista' jsir saċerdot.

Xandru Pulis hu l-imgħallem li ħallielna ġawhra ta' Knisja biex nifirħu biha. Il-Mostin saħanszitra għamlu monument fil-knisja għal Mastru Anġ. Gatt, Żejtuni, li bnielhom it-tempju rotunda. Jien ħassejt li wasal iż-żmien li aħna lil Xandru nagħtuh ftit mill-ġieħ li jistħoqqlu. Għalhekk ktibt dan l-artiklu.

*——*——*

# ATTIVITAJIET KULTURALI

## Ballata ta' San Girgor

Bħas-snin ta' qabel il-Kummissjoni Attivitajiet Soċjo-Kulturali nidiet sensiela ta' attivitajiet kemm ġewwa l-każin kif ukoll fil-beraħ għall-pubbliku in ġenerali. Minbarra s-soltu attivitajiet fil-ġranet tal-Milied u tal-Karnival, il-Kummissjoni organizzat **Lejla Maltija** f'**Ottubru** u **April** li t-tnejn kienu suċċess. Imma l-akbar biċċa xogħol li organizza kienet bla dubju ta' xejn **Il-Ballata ta' San Girgor** fuq kitba ta' Walter Zahra. Il-Kummissjoni kellha għajnuna kbira minn diversi nies u anke mill-partitarji. Il-Ministeru taż-Żgħażagħ u Kultura ta l-għajnuna tiegħu kollha u b'hekk l-isforz kien wieħed kollettiv u r-riżultat kien wieħed mill-aktar pożittiv. Xhieda ta' dan kien mhux biss l-attendenza imma wkoll il-kummenti favorevoli li deheru fil-gazzetti. Dawn huma sinjali ta' inkoraġġiment għas-sena d-dieħla.

**Il-Ministru Dr. Michael Frendo flimkien mal-President l-E.T. Dr. A. Cachia Zammit u l-awtur is-Sur Walter Zahra fuq il-palk jifirħu lill-parteċipanti wara r-rappreżentazzjoni.**

